Newspaper Post

# Żminijietna

www.zminijietna.org www.zminijietna.blogspot.com https://twitter.com/Zminijietna

Vol.5 Nru. 21 Jannar - Marzu 2014 40c

**Garden of Knowledge Malta Association Invites you all to participate on the Lecture**

**"Fortress Europe, Imperialistic Wars and Migration nowa-days"**

**Saturday 22nd of February 2014 Dar l-Ewropa, 254 Triq St Paul, Valletta gnientalgherf@gmail.com**

**10:30 am** - Introduction with best documentary on Migration Dem Walla Dee ( "To leave or to Die"- 2007, Senegal) , by Chilean director Rodrigo Saez ( CADTM– Committee for the cancellation of the debt)
**11:00 am** - Misconceptions on Migrations by Dr. Jean Pierre Gauci, from People for Change foundation
**11:15 am** - Colonialism: the impact of Western culture on colonized countries by Dr. Ali Benigassan , Chilean sociologist
**11:30 am** - The Consequence of neo liberalism economy and IMF program on sustainable rural livelihoods in Africa (case of Senegal, Mali..) by Dr.Maria Pisani, University of Malta
**11:45 am** - The Consequence of Imperialistic Wars on migration by Prof. Peter Mayo, University of Malta
**12:00 am** - Case of Israel as as an imperialist supported colonizing power by Journalist Mrs. Ramona Wadi, Middle East Monitor.
**12:15 am** - Overview of migration nowadays in EU: policies, laws and restrictions by Dr. Jean Pierre Gauci, from People for Change foundation
**12:30 am** - Equal rights for migrants as a tool to distribute wealth and build a balanced society – By Mr. Ali konate from Migrant for Equality Malta 12:45 am

**Conclusion and Solutions? Free debate and drink.**

***Ġewwa...***
***Intervista ma' Sammy Meilaq***



- ***L-Editorjal dwar l-UE u l-protesti.***
- ***L-Ambjentaliżmu - Lejn Alleanzi Wiesgħa***
- ***Vjolenza Domestika - Piż Soċjali u Ekonomiku.***
- ***GWU Youths f'Kampanja Nazzjonali Edukattiva kontra xogħol prekarju.***

# Studenti Universitarji Kontra Tagħlim Neoliberali

Bdew l-Istudenti tal-Universitá ta' Manchester li ħolqu "soċjeta ekonomika" ta' wara l-kraxx ekonomiku *(post crash),* fejn fiha talbu t-tmiem ta' korsijiet ekonomiċi msejsin fuq l-ideoloġija neoliberali tas-suq ħieles u jridu l-introduzzjoni ta' kurrikulu pluralista.

Il-kampanja bdiet tinfirex bl-għaġġla f'Cambridge, London School of Economics u f'ħafna aktar universitajiet oħrajn li lkoll qegħdin jingħaqdu ma' gruppi universitarji fi Franza, Ġermanja, Slovenja, Quebec il-Kanada u ċ-Ċili.

L-istudenti jisħqu li xebgħu jiġu mgħallmin skont kurrikulu monolitiku bbażat fuq ideoloġija li issa kulħadd qiegħed jammetti li falliet, anzi kienet il-kaġun tal-kriżi finanzjarja li qiegħda tifni l-pajjiżi kollha u titfa' miljuni ta' nies fil-miżerja.

L-ekonomisti ortodossi tas-suq ħieles naqsu li jbassru l-kollass tas-sistema. Anzi ħafna minn dawn kienu propagandisti mħallsin mil-banek u l-'hedge funds' li ħolqu l-kriżi. Anke meta d-dinja kienet f'xifer il-kriżi, dawn l-ekonomisti baqgħu jinsistu li s-sistema ekonomika neoliberali kienet minnha nnifisha timmodera ċ-ċaqlieq tas-swieq u b'hekk kollox kien jimxi bil-kwiet u mingħajr skossi.

Qabel il-miġja ta' Thatcher u Reagan bid-dogma tas-suq ħieles, id-dipartimenti tal-ekonomija tal-universitajiet kienu




bbażati l-aktar fuq it-tagħlim ta' Keyne. Imma dana kollu nbidel xi 40 sena ilu.

Ekonomisti li m'aċċettawx it-tagħlim tas-suq ħieles ġew imnaddfin mil-fakultajiet tal-ekonomija. L-iffinanzjar tal-universitajiet mill-korporazzjonijiet u tisħiħ tas-sistema maniġerjali fl-edukazzjoni żgura t-tindif ideoloġiku tal-economics u l-ħsieb ħieles ta' l-individwu li jistaqsi.

L-uniku ekonomisti li bassru l-kriżi kienu dawk li ċaħdu l-ideoloġija neoliberali. Kienu ta' twemmin Keynsian, post Keynes u Marxista, li qatt ma aċċettaw in-neoliberaliżmu li rrenja għal dawn l-aħħar 30 sena u li kollha fehmu li swieq deregolati ma jwasslux għal sistema ekonomika ekwilibrata u ġusta, imma jsaħħu t-tendenzi tal-ekonomija għall-kriżijiet, inugwaljanzi u diżastri ekoloġiċi.

Kienu l-ekonomisti tas-suq ħieles li fasslu l-iskemi diżastrużi biex il-banek jagħmlu profitti enormi u jitfgħu d-dinja fil-kriżi finanzjarja. L-istudenti issa xebgħu jiġu mgħallmin teoriji ekonomiċi li ma jaqblux mad-dinja li qegħdin jgħixu fiha. Iridu li t-tagħlim ikun jinkludi ħsieb ekonomiku differenti - minn Keynsjan għal teoriji aktar radikali u ekoloġiku li huma konnessi mal-ekonomija dinjija sostenibbli, ġusta, ekoloġika u reali.

Hija ħasra li l-universitá f'Malta u sistema edukattiva qabdu din il-linja ta' ħsieb neoliberali li ġabet l-istudent jaħseb b'mod individwalista egoista fejn dak li jgħodd hu biss l-profitt massimilizzat, u fejn l-inugwaljanzi soċjali huma meqjusa li huma biss tort ta' l-individwu u mhux tas-sistema neoliberali.

# Ikompli r-rebħ kontra s-sistema neoliberali......

L-Amerika Latina tkompli bil-mewġa tagħha fuq ix-xellug. Dan ma ġarax b'kumbinazzjoni, imma kien ir-riżultat ta' snin ta' politika ekonomika leminija li ġabet magħha inugwaljanzi soċjali kbar, fejn il-ftit jgħixu komdi askapitu tal-ħafna. Il-politika ekonomika neoliberali wasslet għat-tkissir tal-popli u l-ambjent fl-Amerika Latina.

Skond rapporti ġodda, l-politika tax-xellug wasslet biex il-faqar fir-reġjun jkun f'livelli l-aktar baxxi f'dawn l-aħħar għaxar snin, u miljuni qed jiċċaqilqu lejn il-klassi tan-nofs. Bejn 2003 u 2009 il-klassi medja twessgħat għal 50% tal-popli. referenza - (http://www.worldbank.org/en/news/press-release/2012/11/13/new-world-bank-report-finds-fifty-percent-increase-middle-class-latin-america-over-last-decade)

Din ġiet segwita minn studju ġdid tan-Nazzjonijiet Uniti li juri li l-perċentwali ta' nies fl-Amerika Latina llum li jgħixu fil-faqar hu f'livelli l-aktar baxxi tul dawn l-aħħar 30 sena.
ref - (http://www.eclac.org/cgi-bin/getProd.asp?xml=/prensa/noticias/




comunicados/9/48459/P48459.xml&xsl=/prensa/tpl-i/p6f.xsl&base=/tpl-i/top-bottom.xsl)

Studju soċio-politiku juri li reġjun llum hu ddominat minn gvernijiet xellugin (post-neoliberali), fejn dawn il-mexxejja jemmnu li l-istat għandu jkollu aktar rwol attiv fl-ekonomija u fis-suq, fejn l-ispiża u l-politika soċjali għandha tara li tkompli titnaqqas l-inugwaljanza soċjali.

Li hu żgur hu li l-politika tax-xellug jew ċentru xellug, ħalliet impatt pożittiv kemm f'dak li hu faqar u inugwaljanza.

Ir-rebħa riċenti ta' Maduro fl-elezzjonijiet muniċipali fil-Venezwela u r-rebħa presidenzjali tal-koalizjoni tax-xellug fiċ-Ċili wrew li l-popli għadhom determinati li ma jħallux lil lemin jerġa' jintroduċi l-politika qerrieda tan-neoliberaliżmu.

Fiċ-Ċili ġew eletti żgħażagħ komunisti u xellugin li kienu fuq quddiem fil-protesti fit-toroq tal-istudenti u l-ħaddiema kontra s-sistema neoliberali kollha. Issa bħala membri tal-gvern fil-Parlament huma deċiżi li ma jħallux il-pajjiż imur lura għal-liġi tal-ġungla.

*Ritratt juri lil Camila Vallejo li mexxiet l-istudenti fil-ġlieda għall-edukazzjoni egalitarja u bla ħlas u li ġiet eletta fil-parlament f'isem il-Partit Komunista Ċilen.*

# LIBERTÁ w ANARKIŻMU

**minn Alfred Consiglio**

L-istorja ta' ideat anarkisti hija inseparabbli mill-istorja ta' żviluppi progressivi kollha w aspirazzjonijiet lejn libertà. Għalhekk, din tibda mill-mument storiku bikri meta l-bnedmin evolvew il-kunċett ta' ħajja ħielsa, skop li kellu jinkiseb biss minn fatma kompluta minn xkiel awtoritarju, u bit-tkabbir simultanju u espansjoni wiesa' tas-sentimenti soċjali ta' solidarjetà, reċiproċità, ġenerożità w espressjonijiet oħrajn ta' kooperazzjoni.



Dan il-kunċett ta' ħajja ħielsa kien manifestat b'ħafna modi fil-ħajja personali u kollettiva ta' individwi u gruppi. Għalhekk, il-mixja tal-umanità lejn il-progress kienet, u għadha, taqtigħa kontinwa biex taqta' ktajjen u restrizzjonijiet awtoritarji.

Din il-ġlieda tieħu diversi forom, u l-kunflitt ikun tant krudil u diffiċli li ftit nies qatt fehmu t-tifsira ta' ideat hekk. Ħafna jippruvaw jirrikonċiljaw il-libertà miksuba maż-żamma ta' restrizzjonijiet antiki billi jemmnu li awtorità tkun utli biex iżżomm u tiddefendi l-kisbiet ġodda.

Fi żminijiet moderni, nies bħal dawn appoġġaw libertà demokratika jew kostituzzjonali, libertà taħt il-kontroll tal-gvern. Fuq livell soċjali, din l-ambigwità ġġenerat statiżmu soċjali, soċjaliżmu mponut b'metodi awtoritarji.

"Ribelljoni" daħlet fil-ħajja politika u soċjali flimkien ma' l-ispirtu ta' assoċjazzjoni volontarja kif manifestata fil-proġetti w attentati fil-kooperazzjoni industrijali fl-Ewropa, u fl-iżvilupp prattiku ta' għaqdiet awtonomi li jmexxu lilhom fl-Amerika ta' Fuq.

Ferment libertarju kien għadu limitat ukoll, u r-ribelli tal-bieraħ saru affaxxinati b'awtoritarjaniżmu ġdid ta' għada. Kien hemm attentat lejn azzjoni diretta biex jiksbu mill-ġdid ħelsien wara l-waqa' tal-monarkija Ingliża fl-1649; l-attentat tmexxa minn Gerrard Winstanley (1609-1676).[1]

Kien hemm proġetti ta' soċjaliżmu volontarju permezz ta' assoċjazzjonijiet imressqin 'il quddiem mill-Olandiż Pieter Cornelisz Plockboy (1620-1694);[2] minn John Bellers (1654-1725);[3] u minn Robert Wallace (1697-1771).[4]
Kien hemm ħassieba ħerqana li flew b'reqqa statiżmu, fosthom Edmund Burke (1729-1797)[5] li kiteb ***Vindication of Natural Society***. Kien hemm kittieba li attakkaw il-liġi u l-awtorità bħal William Harris (1610-1691).[6]

Snin qabel ir-Rivoluzzjoni Franċiża, Sylvain Maréchal (1750-1803)[7] ippropona tip ta' anarkiżmu li kien impoġġi b'ċarezza kbira, f'forma ta' era mħarrfa ta' hena fi ***L'Age d'or recuril de contes pastoraux par le Berger Sylvain*** (Żmien tad-Deheb, Kollezzjoni ta' Ħrejjef Pastorali mir-Ragħaj Sylvain). Matul ir-Rivoluzzjoni Franċiża, Maréchal kien impressjonat u msaħħar bit-terroriżmu rivoluzzjonarju.

Sal-aħħar tas-seklu tmintax, l-ideat anarkisti kienu spjegati b'mod ċar fil-kitbiet ta' Gotthold Lessing (1729-1781).[8] Soċjetà mingħajr awtorità kienet rikonoxxuta bħala l-iskop aħħari fiċ-ċirkli tal-"Illuminati" Ġermaniżi.

Il-kunċetti li kienu anti-awtoritarji profondament, il-kritika u l-irruftar tagħhom tal-idea ta' gvern, l-attentati biex inaqqsu u wkoll jieħdu s-sehem ta' awtorità fl-edukazzjoni, fil-ħajja reliġjuża u fil-ħajja pubblika, ma baqgħux aktar mhux innotati. Dawn kienu opponuti biss mir-reazzjonarji, filwaqt li ħassieba moderati kkonsidrawhom inaċċessibli.

Nhar ir-Rivoluzzjoni Franċiża, kulħadd kien għadu mhux konxju tal-forzi kollha għat-tajjeb u l-ħażin, u li daqqa deċiżiva lir-reġim, tpoġġi lir-Rivoluzzjoni fis-seħħ. Il-kotra għexet imdawwra minn sfruttaturi insolenti fl-awtorità. Imma bnedmin, li jħarsu 'l quddiem, xtaqu l-akbar libertà. Dawn kienu nies ta' dixxeniment u kellhom tamiet kbar.

Noti:

1. Ħajjat mastru Ingliż li mexxa lid-*Diggers* fl-1650 u li waqqaf il-Kolonja tad-*Diggers* f'Surrey fl-1649; kien ukoll kittieb.
2. Soċjalist Kristjan u kooperatur li miet fi Philadelphia.
3. *Quaker* Ingliż, kittieb ta' suġġetti ekonomiċi u filantropiċi.
4. Qassis Skoċċiż, kittieb.
5. Kittieb u politiku Irlandiż.
6. Kolonjalist Ingliż f'Rhode Island li beda l-kolonizzazzjoni ta' Providence; fl-1654 huwa xandar duttrina ultra-radikali fuq il-libertà tal-kuxjenza, li jekk tkun attwata tkun sovversiva għall-gvernijiet kollha.
7. Kittieb u *freethinker* Franċiż.
8. Kittieb, drammaturgu u kritiku Ġermaniż.

# Ir-Rotazzjoni Tal-Poter

**Apert - Birkirkara.**

In-nuqqas ta' għaqda li ilha teżisti fi ħdan il-moviment soċjalista dinji, kienet strumentali biex f'ħafna pajjiżi kienu eletti ferm iżjed partiti konservattivi għal ħafna snin. Dan ġara fi 80% tas-snin tal-aħħar seklu, f'pajjiżi meqjusa demokratiċi.

B`din ir-rotazzjoni ta' ggvernar, kull miżura li jdaħħal gvern soċjalista favur il-massa f'leġiżlatura, qegħda tiġi newtralizzata u anke wara eliminata għal kollox, fiċ-ċiklu tal-leġiżlaturi konservattivi ta' wara.

Din il-veritá tidher iżjed ċara fl-era tat-tieni gwerra dinjija. Wara dik il-gwerra li faqqret lill-kotra tal-popli fil-pajjiżi nvoluti, l-masses demoralizzati sfiduċjaw lill-konservattivi u tellgħu gvernijiet soċjalisti.

Fi żmien qasir is-soċjalisti bnew mill-ġdid l-ekonomiji tal-pajjiżi falluti, u rażżnu l-faqar u sawru welfare state. Fejn iggvernaw għal iżjed minn leġiżlatura waħda, s-soċjalisti rnexxilhom ukoll jirriformaw bil-kbir il-kundizzjonijiet tax-xogħol, u jtellgħu lill-klassi l-inqas imħallsa tal-ħaddiema għal livell magħruf illum bħala l-klassi medja, ta' aktar dħul u iżjed kumditá.

B`danakollu bqajna bir-rotazzjoni tal-iggvernar favur il-konservattivi. Għal din il-kundizzjoni jaħti mhux ftit l-impatt negattiv mill-istess progress li ħoloq is-soċjaliżmu, u li tella' lin-nies mill-iskaluna t`isfel għas-saff soċjali tan-nofs.



Il-lemin rikeb fuq dan il-fenomenu biex ġibed lejh parti sewwa mill-klassi tal-ħaddiema, li kienet f'nofs dak il-proċess ta' riforma. Fejn ma waslux b`dak il-mod, il-konservattivi użaw mezzi vjolenti. B`hekk il-poter għadda ġeneralment f'idejn il-lemin, li bidel il-politika soċio-ekonomika f'sistema neo-liberali tal-libertinaġġ assolut tas-suq, li nawret l-ekonomiji u żarmat il-welfare states, u mliet l-Ewropa b`faqar kbir. Bl-eċċezzjoni tal-pajjiżi Skandinavi fejn il-kunċetti xellugin rabbew għeruq fondi u daħlu f'demm il-popli, stati oħra marru lura mal-50 sena, sa qabel deher ir-riżultat tar-riformi soċjalisti.

Illum ma nidħolx fil-problemi li ċaħħdu lix-xellug milli jistabbilixxi gvern li jilħaq l-għan aħħari tal-ġustizzja f'kull aspett tad-demokrazija. Nenfasizza biss li dawk il-problemi taw lok ripetutament biex il-lemin iżomm il-poter għal żmien biżżejjed biex jikkontamina l-mediċina soċjalista tal-ekonomija soda, drittijiet umani/ċivili ugwali, u welfare state effiċjenti.

Waqt li x-xellug għad ma rebaħ lura kważi xejn għall-poplu minn dak li żarmalu l-lemin fil-Greċja, Spanja, Portugal, u sa ċertu punt fi Franza, ta' min jinnota l-ftit progress inkoraġġanti li beda jsir mil-ġdid f'dan ir-rigward fir-Renju Unit, Ġermanja, u wkoll f'Malta.

F`Londra l-partit laburista mil-oppożizzjoni salva l-welfare state minn iżjed karistija, u anke nfluwenza lill-gvern jiċċaqlaq mill-politika tas-suq libertin, u jipproteġi lill-konsumatur mix-sharks tan-negozju. Il-partit soċjal demokratiku Ġermaniz (SPD) irnexxielu jagħmel ftehim ta' koalizzjoni mal-gvern tal-lemin, biex fil-pajjiż tidħol għal ewwel darba l-"Minimum Wage", li l-konservattivi Ġermaniżi qatt ma riedu jdaħħlu.

Kienet rebħa kbira morali u soċjali fiċ-ċirkustanzi diffiċli preżenti. Mhux inqas impressjonanti huwa l-progress li rajna mill-gvern laburista f'Malta li fl-ewwel xhur tiegħu diġá ħa miżuri tat-tisħiħ tal-ekonomija u titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, kura tal-welfare state, u ħarsien tal-kotra mill-għafsa tas-suq isuq.

Kif intlaqgħu mill-moviment dinji dawn l-avvanzi li nkisbu bi pragmatiżmu li forsi m`għandux l-appoġġ sħiħ tal-blokk soċjalista?

Dan ir-restawr tal-kunċetti xellugin f'dawn l-istati se jkompli jipprogressa? U xi prospetti hemm li jasal ukoll fi stati oħra? Jew forsi huwa biss qtar fix-xmara soċjalista, li sikwit tinxef mis-solidarjetá li tagħtiha l-ħajja?

Anke jekk ir-risposti huma pożittivi, iċ-ċiklu tar-rotazzjoni tal-poter se jibqa' kontra l-moviment riformista sakemm il-front xellugi jwitti l-ħotob tal-firdiet li ilhom iżommu "Marking Time" b`xogħol ripetut fuq l-istess riformi li ma jitħallew jimmaturaw qatt għal għan aħħari.

Ix-xellug, meta se jingħaqad b`solidarjetá wara l-għażla maġġoritarjá ta' bejn il-fedeltá akkost ta' kollox lejn il-prinċipji li bla poter se jibqgħu fuq il-karta bla valur tanġibbli, u l-alternattiva ta' ħidma pragmatika li fi żmien raġonevoli twassal għal stat demokratiku li jixraq lil soċjetá ċivilizzata?

*Ritratt juri stampa storika ta' dimostrazzjoni pubblika fejn is-soċjal demokrazija qed titlob għal titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema.*

*Editorjal*

# Sinjal ieħor tal-Ipokrezija tal-UE

Matul is-sena li għalqet mijiet ta' eluf ta' ħaddiema ngħabru fit-toroq ta' l-ilbiet ewlenija tal-bliet kapitali ta' l-Ewropa f'dimostrazzjonijiet enormi jipprotestaw kontra l-gvernijiet tagħhom neo-liberali li tefgħuhom fil-miżerja u l-faqar.

Li spikka li f'dawn il-protesti popolari kien li ebda uffiċjal ta' l-Unjoni Ewropea ma deher b'nemes ikellem u jappoġġja s-sejħa tal-popli.

Għall-kuntrarju meta bdew il-protesti fl-Ukranja kontra l-gvern għax ma ffirmax ftehim li jġib il-pajjiż aktar marbut mal-UE, hemmhekk fl-Ukranja rajna uffiċjali prominenti ta' l-UE, anke Maltin, jiddandnu fuq il-podji jkellmu lid-dimostranti u jħeġġuhom u jxewxuhom biex ikomplu l-ħidma biex iwaqqgħu il-gvern, għalkemm dan huwa wieħed elett demokratikament.

Fost dawk li marru, kien hemm il-kap tal-politika barranija tal-UE, Catherine Ashton. L-Amerikani lanqas ma qagħdu lura u fil-pjazez ta' Kiev mar is-Senatur Repubblikan John McCain, li kien ikkontesta u tilef l-elezzjoni presidenzjali Amerikana.

Jew ma ntebħux jew kienu jafu sew, li f'dan l-aġir tagħhom, l-uffiċjali tal-UE u Amerikani kienu spalla ma' spalla ma' Neo-Nażisti tal-partit li l-lum jismu Svoboda, li qabel kien il-partit Soċjalista Nazzjonalista u li kien u għadu jħaddan



ideoloġija neo-Nażista.

Dan il-partit huwa l-perċimes fil-protesti li qegħdin isiru fl-Ukranja biex iwaqqgħu il-gvern.

Dan l-aġir tal-kapijiet tal-UE jikxef l-ipokrezija ta' l-Unjoni li dejjem tilgħabha ta' ċampjin tad-Demokrazija u l-libertá.

Lill-ħaddiema mifnija mill-miżerja tas-suq ħieles tal-politika neo-liberali, l-UE ma tagħathom ebda appoġġ, anzi tippressa lill-gvern biex ikomplu jgħaffġu lill-popli bil-politika ta' awsteritá.

L-istess prattika ta' l-Unjoni Ewropea ġiet applikata fit-Trattat ta' l-Ewropa, fejn il-Vot "LE" f'referenda nazzjonali mill-popli Franċiż, Olandiż u Irlandiż kontra t-Trattat neo-liberali ġie mxejjen b'ħafna manuvri u b'vot sempliċi fil-parlamenti nazzjonali.

Il-kredenzjali ta' l-Unjoni Ewropea bħala ċ-ċampjins ta' demokrazija ġew imxellfa sew bl-appoġġ li qegħdin jagħtu lin-neo-Nażisti ta' l-Ukranja.

Ta' min ifakkar li l-UE tagħlaq għajnejha għal gvernijiet ta' pajjiżi membri fosthom Slovakkja, l-Ungerija, l-Polonja u oħrajn li qegħdin iqimu u jfakkru l-imgħoddi Nażista tagħhom.

Sinjal ieħor ta' l-ideoloġija tal-UE kien meta pajjiżi fejn il-gvernijiet warrbu minħabba l-kriżi kapitalista, il-popli ma ngħatawx iċ-ċans jgħażlu r-rappreżentanti tagħhom permezz ta' elezzjoni, imma bil-kontra imponew fuq dawn il-pajjiżi gvernijiet "teknokratiċi" biex il-politika neo-liberali ma tigix mhedda.

(Ritratt Catherine Ashton spalla ma' spalla mal-kap tal-partit Neo Nażista Oleh Tyahnybok, ta' l-Svoboda party fuq il-lemin )

## L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjetá permezz ta' attiviżmu minn perspettiva xellugija, b'emfażi fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilitá ekoloġika.***

***Din ir-rivista hija waħda mill-ħidmiet ta' l-Għaqda u wieħed jista' jabbona permezz ta' ċekk jew money order ta' €5 indirizzati lil Żminijietna: P.O Box 35 Sliema. SLM1000 jew BOV account number 40013290155***

***Kull korrispondenza għandha tintbagħat fl-indirizz ta' hawn fuq jew zminijietna@yahoo.com***

**Il-kitbiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta' l-Għaqda Żminijietna. Ir-riklami huma bi ħlas.**

**Il-gazzetta Żminijietna hija pubblikazzjoni ta' kull tlett xhur ta' l-Għaqda Żminijietna. Disinn KoPri Koperattiva u stampar Union Print, Marsa.**

# Il-Vjolenza Domestika;

# *Piż Soċjali u Ekonomiku*

**Marie Anne Zammit**

Jekk irridu Unjoni Ewropeja moderna, irridu neqirdu kull tip ta' vjolenza kontra n-nisa. Dan ukoll fid-dawl tal-pjan biex tintlaħaq ugwaljanza bejn is-sessi u għal aktar promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa.

Huwa kkalkulat li waħda minn kull tlett nisa u bniet madwar id-dinja kellhom xi esperjenza ta' vjolenza kemm fiżika u anke sesswali f'xi żmien matul il-ħajjithom. Ukoll, fejn tidħol vjolenza ma teżisti l-ebda distinzjoni ġeografika, kulturali, fl-età, jew fir-razza.

Ħafna drabi, il-vjolenza kontra n-nisa tieħu ħafna forom u l-aggressuri jistgħu jkunu dawk viċin tal-vittma bħal membri tal-familja, partners intimi, kollegi, ħbieb, nies barranin u anke nies professjonali ġejjin minn kull qasam fis-soċjetà.

F'ħafna ċirkustanzi, l-vittmi jibqgħu jbatu fis-silenzju u ma jaslux biex jirrapurtaw. Dan jista' jkun dovut għal diversi fatturi, kemm ta' biża u kemm dawk soċjali u ekonomiċi. Il-vjolenza domestika tibqa' dik l-aktar komuni.

Skond informazzjoni li ngħatat fil-Parlament Malti reċentament mill-Ministru ta' l-Intern Dr. Manwel Mallia, jirriżulta li matul il-perjodu ta' 2009 sa 2013 żdiedu l-każijiet ta' vjolenza domesika li ġew rraportati lill-pulizija.

Skond din l-istess informazzjoni, bejn is-sena 2009 u 2013 ma ngħatawx sentenzi definittivi ta' piena karċerarja. F'dan il-kuntest ma ngħatatx aktar




informazzjoni jekk kienx hemm reċedività u x'tip ta' feriti li ġew ikkaġunati fuq il-vittmi kkonċernati.

Il-piena ta' ħabs għal aggressur li jkun l-awtur ta' vjolenza domestika iservi ta' deterrent u mezz immedjat biex il-vittma tiġi protetta għal perjodu ta' żmien. Iżda, din il-protezzjoni tista' tkun garantita sakemm l-aggressur jiddetermina s-sentenza karċerarja u dejjem jeżisti r-riskju li l-aggressur jista' jerġa jagħmel xi tip ta' kuntatt mall-vittma. B'hekk il-problema ta' vjolenza ma tkunx ġiet indirizzata fit-tul.

Sabiex tiġi ndirizzata din il-problema hu rrakomandat li mil-Qrati jingħataw aktar Ordnijiet ta' Trattament fejn l-aggressuri jiġu ordnati li jattendu għal programmi terapeутiċi. Dan jgħinhom jgħelbu l-problema ta' aggressjoni u rabja li ħafna drabi tkun qed twassalhom biex jirrikorru għal vjolenza.

Fil-każ li jkun hemm problema ta' abbuż minn droga, alkoħol jew problemi ta' saħħa mentali, dawn għandhom jiġu ndirizzati separatament. Tinħass il-ħtieġa wkoll li l-aggressur jgħaddi minn proċess ta' evalwazzjoni biex jiġi determinat kemm ser ikun disponibbli li jsegwi l-programm waqt li jkun stabbilit jekk l-aggressur qatt kiser xi kundizzjoni mposta fuqu minn Qrati oħra. Dan jgħin biex jiġi stabbilit assessjar ċar ta' kemm jista' jirnexxi jew le.

Il-protezzjoni u r-riskji tal-vittmi għandha tiġi kkunsidrata qabel l-aggressur jattendi għall-program. Għalhekk, għandu jiġi evalwat il-livell ta' riskju li jkun preżenti għal vittmi jekk l-aggressur jibqa' fil-komunità u waqt li jattendi għal programm. Ma' dawn ukoll għandu jkun hemm Qrati li tispeċjalizza biss fuq każijiet ta' vjolenza, biex b'hekk intaffu mill-ammont ta' każijiet u jithaffef l-proċess tal-ġustizzja. Fuq kollox, jiżguraw aktar protezzjoni għal vittmi li f'ħafna każijiet jerġħu jiġu esposti għal aktar vjolenza waqt li jkun għadu għaddej il-proċess.

Il-vjolenza qed toħloq mhux biss tbatija fuq il-vittmi imma anke piż finanzjarju fuq l-istat. Dan ġie stabbilit nhar is-27 ta' Novembru 2013, fejn il-Membru Parlamentari Ewropej mill-Bulgaria, Antonyia Paranova preżentat rapport bit-titlu *The Legislative Initiative Report, Combating Violence against Women*, lil kumitat tad-Drittijiet tan-Nisa u ugwaljanza fil-Parlament Ewropej.

Dan ir-rapport jirrakomanda li jkun hemm uniformità fil-protezzjoni li tingħata lin-nisa kif ukoll qafas legali fil-pajjiżi kollha ta' l-Unjoni Ewropeja. Il-vjolenza kontra n-nisa toħloq piż finanzjarju fuq il-vittma u anke fuq l-ekonomija ta' l-Istati Membri. L-istudju rriżulta li kull sena jintefqu l-fuq minn 228 biljuni ta' Ewros.

Dan l-istudju jikkonkludi li għandu jkun hemm tibdil fil-qafas legali eżistenti u li għandu jinkludi miżuri leġislattivi u strateġiji ta' pjan ta' azzjoni biex tiġi ndirizzata l-vjolenza kontra n-nisa. B' hekk, dan ikun pass il-quddiem biex tiġi ndirizzata l-problema tal-vjolenza domestika jew xi tip ta' vjolenza oħra.

# Protagonist tad-Demokrazija Industrijali f'Malta

Naqsmu Ħsibijiet ma' Sammy Meilaq - L-awtur tal-ktieb biografija tiegħu "Biċċiet Minni"

Il-ktieb "Biċċiet Minni" ta' Sammy Meilaq huwa bbażat fuq l-element biografiku tal-kittieb, inkwadrat f'perjodu storiku li fih spikkaw taqlibiet soċio-politiċi u ndustrijali kbar. Jidħol f'temi xellugin strateġiċi, li nistiednu lill-qarrejja jingħaqdu magħna biex naqsmuhom mal-awtur. Sammy huwa l-uniku Malti bl-esperjenza ta' 12 il-sena bħala ċermen-ħaddiem ta' azjenda kbira parastatali. Kien protagonist u stinka fl-implimentazzjoni tad-demokrazija ndustrijali f'Malta, bil-kunċett tas-"Self Management" mil-ħaddiema.

***Hemm numru ta' opinjonisti li kritikaw is-sistema ta' "self management" fejn qalu li din ma għenitx biex it-Tarzna timxi l-quddiem. X'inhi l-opinjoni tiegħek fuq dan il-punt? U għalfejn taħseb li gvern Laburista ta' Alfred Sant żmantella dan il-kunċett ta' "self management", fejn kumpanija hija mmexxija mil-ħaddiema?***

Is-*self-management* fit-tarzna ma kienx biss kunċett iżda kien forma demokratika - taħdem fil-prattika, forma li tul it-22 sena li kienet imħaddma evolviet għal waħda unika fid-dinja. Il-kritika kontra, dejjem ġiet min naħa tal-lemin politiku li qatt ma ried jaċċetta s-saħħa ndustrijali u soċjali li l-għaqda tal-ħaddiema f'din is-sistema kienet toħloq.

Il-kritika kienet mibnija fuq it-telf li ġarrbet it-tarzna l-aktar fid-disgħinijiet, meta is-sitwazzjoni tas-suq internazzjonali tant kienet ħżienet li laqtet lit-tarznari kollha fid-dinja. Anzi l-Malta Drydocks, immexxija mil-ħaddiema, ma sofrietx telf daqs it-tarznari l-oħra fil-Mediterran immexxijin mil-privat jew mil-gvernijiet. Lanqas ma sofriet telf daqs il-Marsa Dock, immexxija mil-gvern, la f'ammonti totali u wisq anqas ras għal ras.

Imbagħad, mill-1996 il-quddiem, it-tarzna mmexxija mill-gvern Malti baqgħet sejra biss dejjem lura, sakemm il-gvern nazzjonalista fallieha u għalaqha fl-2010.

L-aħħar daqqa lejn il-falliment finanzjarju kien il-kas ta' korruzzjoni tal-*Fairmount* illi sa' llum il-GWU għada tesiġi nvestigazzjoni pubblika u ndipendenti dwaru, kif ukoll ressqet il-kas quddiem il-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni. Sallum il-poplu Malti għadu mhux infurmat mill-gvern x'inhu r-riżultat tal-Kummissjoni, u l-GWU għadha tistenna li l-gvern Laburista jiftaħ l-investigazzjoni pubblika dwar dan il-kas ta' korruzzjoni.

Fir-rigward tat-tibdil li għamel gvern Laburista ta' Alfred Sant, hu kien konvint li se jitfa' t-tarzna l-quddiem, iżda iż-żmien wera li l-affarijiet marru għal agħar.

***Semmejt wkoll li fin-negozjati li kellek mal-gvern Nazzjonalista, qabel ma Tarzna ġiet privatizzata, kont qed tagħfas favur il-ħolqien ta' Koperattiva ta' Tarzna. X'ġagħlek temmen li l-ħolqien ta' koperattiva kienet is-soluzzjoni? Taħseb li din l-ideja setgħet ġiet implimentata, li kieku din ittellgħet għad-diskussjoni ferm qabel, fil-proċess bikri meta kienet qed issir ir-riforma ta' Tarzna?***



L-attentat biex tinħoloq koperattiva, kien alternattiva għall-mod ta' privatizzazzjoni kif ried il-gvern Nazzjonalista. Bdejna naħdmu fuqu f'Ġunju 2008, kważi sentejn qabel mat-tarzna ġiet privatizzata. Fiċ-ċirkostanzi, kienet allura, proposta progressiva u fl-interess tal-ħaddiema u anke tal-pajjiż. Il-gvern fil-bidu ma qalx le, tant li saru diversi preparamenti u anke l-istess gvern bgħatna Mondragon, ġo Spanja, biex naraw mudell ta' koperattiva jaħdem fis-seħħ. Iż-żmien allura ma kienx problema. Il-koperattiva ma saritx għax il-gvern ried biss lil Palumbo u xejn aktar.

***It-tarzna llum hi totalment privatizzata, fejn ftit li xejn għadha tissemmha. X'taħseb li hi l-qagħda llum fil-kumpanija u taħseb li l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema tjiebu?***

Palumbo illum ma jimpjega lanqas ħaddiem wieħed tal-fiss (b'xogħol regolari). Iħaddem madwar 50 Malti b'kuntratti ta' ftit xhur biex jekk xi ħadd jitlob xi drittijiet malajr ikalah il-barra. Bil-mod kif ġiet privatizzata t-tarzna l-poplu Malti tilef l-impjiegi u d-dħul tal-flus minn barra l-pajjiż. Barra minn hekk Palumbo issa ilu aktar minn tlett snin jisraq lill-poplu Malti bil-miljuni għax huwa marbut b'kuntratt li jrid jinvesti €23,500,000 fl-ewwel 5 snin, b' €14,950,000 minnhom fl-ewwel 3 snin. Malta kollha taf li Palumbo minflok ma nvesta dawn l-ammonti, żarma u ddeterjora mil-kapital li ngħata. Sallum, iżda, Palumbo għadu għaddej qisu mhu qed jiġri xejn.

***Fid-daħla Profs Peter Mayo ddeskrivik bħala persuna intellettwali organika; li għandha l-ħiliet li tinfluwenza l-kuxjenza u l-aġir tal-oħrajn fis-soċjetà għall-bidla aħjar. Issa kif spjega l-istess Profs persuna organika tista' taħdem kemm għall-bidla jew bil-kontra kontra l-bidla - biex iżżomm kollox kif inhu. Fis-sitwazzjoni ta' llum minn taħseb li huma l-persuni ntelletwali organici?***

Bla dubju jeżistu diversi attivisti li qegħdin jużaw l-intellett tagħhom biex jattwaw azzjonijiet progressivi favur il-ħaddiema, il-foqra, il-ħarsien tal-ambjent, il-minoranzi u affarijiet oħra. Dawn jinsabu fil-unjins, f'diversi NGOs, fil-Knisja u anke fil-partiti politiċi.

***Fil-ktieb int semmejt li l-ħaddiem għandu jiġġieled kontra l-kapitaliżmu, sistema li ssib l-appoġġ tal-klassi politika, fejn anke l-partiti, li qabel kienu rivali fi twemmin, illum tista' tgħid li lkoll bejn wieħed u ieħor japplikaw riformi neoliberali. Int li matul ħajtek immilitajt favur politika soċjalista, kif tħares lejn il-politika llum? Taħseb li l-politika xellugija tista' terġa ssib l-appoġġ f'Malta tal-klassi politika?***

It-twemmin Soċjalista tiegħi huwa kostanti u mhux affettwat miż-żmien. Ovvjament, żda, l-applikazzjoni fil-prattika ta' kull twemmin tiddependi ħafna fuq iċ-ċirkostanzi ekonomiċi, soċjali, politiċi u anke kulturali taż-żmien kurrenti. Il-politika f'Malta tul madwar dawn l-aħħar 10 snin u aktar evolviet lejn waħda ċentrista, bi ftit li xejn antagoniżmu bejn xellug u lemin, kif tista' tgħid ġara mal-Ewropa kollha. Iżda issa l-kriżi ekonomika mhux qed tħalli dan il-bilanċ u kemm ix-xellug u, jiddispjaċini ngħid aktar il-lemin, qegħdin jissaħħu fl-Ewropa.

Jidher li fis-snin li ġejjin dan se jiddetermina li anke aħna f'Malta iċ-ċentru politiku se jidgħajjef. Għalhekk dawk ta' twemmin xellugi iridu jaħdmu bis-sħiħ minn issa biex jissaħħaħ ix-xellug.

*Sammy jagħti stampa eżatta tal-militanza tal-gruppi soċjali fi stat demokratiku li jirregola r-relazzjonijiet bejn klassijiet differenti ta' nies. Sakemm l-egoiżmu jibqa' fenomenu naturali, kull kategorija soċjali trid timmilita (iżżomm ruħha attiva) biex tħares id-drittijiet tagħha fi ħdan is-soċjetà, u ttejjibhom. Għalhekk il-militanza tal-klassijiet hija meħtieġa dejjem, biex jinżamm bilanċ soċjali taħt kull forma ta' gvern (stat). Sammy jemmen li anke fuq bażi nternazzjonali, m'hemmx alternattiva oħra, biex klassi li tonqos mil-militanza ma tispiċċax sfruttata u ddominata mil-kompetituri tagħha. Il-prekarjetà twelled l-istess egoiżmu.*

***Taħseb li l-qasma fil-klassijiet soċjali fis-soċjetà għadha b'saħħitha u taħseb li l-ħaddiem tilef mill-'militanza' tiegħu?***

Il-qasma fil-klassijiet soċjali għadha kbira u qed tkompli tikber. Id-differenzi fil-mod tal-għixien jidhru u jinħassu sewwa. L-istatistika mxandra mill-gvern ukoll turi li tul dawn l-aħħar 15 -il sena ir-rata tal-faqar dejjem żdiedet, u tista' tgħid li żdiedet proporzjonalment maż-żieda fil-*Prodott Gross Domestiku*.

Din il-kontradizzjoni turi li l-ftit komplew ikabbru l-ħafna propjetà li jippossjedu, waqt li ħafna aktar nies waqgħu fil-faqar. Turi wkoll kemm il-ġid prodott mil-poplu mhux jinqasam b'mod ġust.

Il-klassi tal-ħaddiema naqqset mil-militanza minħabba tlett raġunijiet; (a) it-tnaqqis fl-impjiegi ndustrijali, inkluż tat-tarznari. Dawn dejjem kienu l-avangwardja tal-militanza. (b) il-fatt li s-*social wage* li kien ħoloq il-gvern laburista fis-sebgħinijiet għadha konsiderevoli sallum. (c) l-avvanzi fix-xjenza tul dawn l-aħħar għaxriet ta' snin ħolqu kundizzjonijiet ta' ħajja ħafna anqas iebsa minn dik ta' xi għaxriet ta' snin ilu, anke għall-ħaddiema

***It-twemmin ta' Sammy dwar is-shubija fl-UE imur kontra l-idejal soċjalista tal-internazzjonaliżmu. Jara xi prospetti għal espansjoni tal-idejal soċjalista (xellugi) f'għaqda Ewropea bil-kunċett ta' "Solidarjetà għal Ewropa Soċjali", jew jaħseb li stati ta' tendenzi xellugin aħjar ifendu b'interess individwali għal rashom, mal-kapitaliżmu globalizzat?***

Stalin u Trotsky tqabdu kontra xulxin sa l-aħħar, dwar jekk hux

***ikompli f'paġna 5***

# *"Il-militanza tal-klassijiet hi meħtieġa dejjem"*

## - Sammy Meilaq




possibbli tinbena soċjetà soċjalista fil-pajjiżi għal rashom jew inkella fuq livell dinji u globalizzat. Il-verdett tal-istorja għadu mhux mistqarr u ċertament mhux se nissogra naqta' jien dwar dan.

B'dana kollu r-rivoluzzjonijiet fir-Russja, fiċ-Ċina u bnadi oħra tul is-seklu 20 kienu kollha prototipi, l-ewwel mudelli fl-istorja ta' ekonomiji ppjanati u jaħdmu bla sidien privati, li fil-bidu ħallew riżultati pożittivi.

Ir-rivoluzzjoni Kubana għadha għaddejja sallum, avolja minn dejjem bis-sanzjonijiet mil-Istati Uniti. Bħala prototipi, iżda dawn kienu destinati bil-quddiem biex jiġu riveduti, forsi għal aktar minn darba wkoll. Jien ċert li fil-ġejjieni l-ħaddiema joħolqu mudelli soċjalisti aktar avvanzati għax jitgħallmu mil-iżbalji ta' l-ewwel mudelli.

Fil-kas tal-ħaddiema fl-Ewropa, il-ġlieda kontra l-kapitaliżmu globalizzat teħtieġ il-ħolqien ta' forza politika magħquda Ewropea, forza organizzata, determinata u maħlufa li tiġġieled favur il-ħolqien tal-*Istati Uniti Soċjalisti tal-Ewropa*. Sallum iż-żerriegħa għal dan l-iżvilupp tinsab fil-grupp xellugi fil-Parlament Ewropew - *European United Left*, f'diversi unjins, u gruppi oħra żgħar militanti mifruxin mal-Ewropa.

Tajjeb li nżommu f'moħħna wkoll li l-kapitaliżmu globalizzat huwa mifni b'kuntradizzjonijiet kbar: l-inġustizzji soċjali, u l-protesti fit-toroq tista' tgħid kullimkien; l-espanzjoni ekonomika waqt li l-faqar dejjem jikber; l-avvanzi fix-xjenza waqt li l-ambjent jinqered; u l-antagoniżmu militari dejjem jiżdied bejn il-forzi tal-punent u dawk li baqgħu magħrufin tal-Lvant.

***Sammy Meilaq militanti, Trejdjunjonista, attiv fil-politika, u xellugi! Sammy Meilaq llum għad għandu xi aspirazzjonijiet?***

Illum qiegħed nipprova nagħti s-sehem tiegħi permess tal-kitba u tad-dibattitu pubbliku. It-twemmin tiegħi dwar l-Unjoni Ewropea huwa għal kollox favur is-soċjaliżmu nternazzjonali. Dejjem stqarrejt pubblikament l-appoġġ tiegħi favur il-ħolqien tal-*Istati Uniti Soċjalisti tal-Ewropa*, fejn jikkmandaw il-ħaddiema u fejn l-Ewropa ma tidħolx fi gwerer. (Hawn nirreferi lil qarrejja għal artikli tiegħi *"A United States of Socialist Europe"* fit-Times 10 ta' Ġunju 2009, kif ukoll "*Il-Kostituzzjoni: Torturi, Spjunaġġ u Diżarm"* fit-Torċa tat-8 ta' Settembru 2013).

Kuntrarju għal dan, l-UE illum hija dittatura tas-selliefa fuq il-klassi tal-ħaddiema, li wara kollox huma il-produtturi. Allura, min hu favur il-mudell preżenti huwa kontra is-soċjalizmu nternazzjonali u favur id-dittatorjat internazzjonali tas-selliefa fuq il-ħaddiema. Il-qarrejja li jixtieqi jkunu jafu aktar dwar dan is-suġġett nissuġġerilhom jidħlu fuq is-sit elettroniku tal-*European United Left/Nordic Green Left*, ta' *Jean-Luc Melenchon (leader ta' Front de Gauge),* u ta' *Bob Crow*, fost ħafna oħrajn. Għalhekk il-ħaddiema Maltin għandhom jappoġġjaw il-ħolqien tal-*Istati Uniti Soċjalisti tal-Ewropa.*

Fir-rigward tar-relazzjonijiet ta' Malta mal-Ewropa, anke dik soċjalista, dawn għandhom ikunu mibnija skond iċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħna, ċirkostanzi determinati l-aktar miċ-ċokon u mill-pożizzjoni tagħna f'nofs il-Mediterran. Allura, assolutament ma naqbilx mal-ftehim preżenti, fejn ninsabu marbutin li nobdu bla ma għandna saħħa niddeterminaw xejn. F'dan il-kas naqbel mad-duttrina ta' Mintoff illi ftehim ma' l-Ewropa għandu jiggarantixxi n-newtralità ta' Malta; ma jxekkilniex milli nagħmlu ftehim oħrajn ma' pajjiżi oħra; ma jxekkilniex mil-ħolqien tax-xogħol, u jkun bi prova għal 10 snin. Dan is-suġġett ittrattajtu wkoll f'aktar dettal fil-ktieb tiegħi.

*"Fil-ktieb tiegħi il-qarrej jista' jsib ħafna aktar dettalji dwar il-ġrajja tas-self-management, il-korruzzjoni tal-Fairmount, u l-privatizzazzjoni tat-tarzna, fost affarijiet oħra" – Sammy Meilaq.*

---

# Ħarsa lejn xi pubblikazzjonijiet riċenti

**Micheal Briguglio**

Fil-ktieb '**Does the Richness of the Few Benefit Us All?**, is-soċjologu **Zygmunt Bauman** jargumenta li l-ħsieb li huwa fl-interess tal-foqra li is-sinjuri ikompli jsiru sinjuri, (billi, fost oħrajn, iħallsu inqas taxxa) huwa ħsieb qarrieqi u falz. Bauman juri kif ll-mudell neo-liberali qed iġib qasma ikbar bejn il-ftit sinjuri u l-bqija tas-soċjetà. Iżda fi kliemu:



*'It seems that one needs catastrophes to happen in order to recognize and admit (retrospectively alas, only retrospectively...) their coming. A chilling thought, if there ever was one. Can we ever refute it? We will never know unless we try: again and again, and even harder'* (p.96).

Il-filosfu **Alain Badiou,** fil-ktieb **'Philosophy for Militants'**, jartikola t-twemmin tiegħu f'emanċipazzjoni universali u kunflitt militanti. Badiou m'huwiex strateġista, iżda jemmen li l-istorja tista' u għandha tinkiteb f'mumenti storiċi. *'We must find a new sun – in other words, a new mental country'* (p.59), jgħidilna, u f'dan il-kuntest, il-ġustizzja tfisser li kull sitwazzjoni tiġi eżaminata minn perspettiva egalitarja u universalista.



Hawnhekk wieħed isaqsi jekk l-attivist radikali għandux jipparteċipa fit-taqtigħa demokratika, li twassal għall-kompromessi iżda li tiggarantixxi drittijiet liberali u li tista' ġġib xi tibdil relattiv, jew jekk għandux jimmilita bil-ħsieb li soċjetà oħra hija possibli, liema soċjetà tista' jew ma tistax tiġi fis-seħħ. Din il-kontradizzjoni taqta' fil-laħam il-ħaj tax-xellug, f'tenzjoni kreattiva.

Badiou jista' jitqies bħala eredi tal-filosfu Louis Althusser, li dan l-aħħar kien suġġett tal-ktieb **'Althusser and His Contemporaries – Philosophy's Perpetual War'** ta' **Warren Montag**. Montag juri li l-kitbiet ta' Althusser ma' jibdewx u jispiċċaw bl-iktar xogħolijiet magħrufin tiegħu, bħal 'For Marx' u 'Reading Capital'.



Juri ukoll li l-istess bħal kif il-filosofija hija karatterizzata minn kunflitti u interpretazzjonijiet differenti, hekk ukoll Althusser huwa karatterizzat minn vjaġġ turbulent fil-filosofija u l-politika. Jolqotni l-mod kif Montag iqabbel il-kitbiet ta' Althusser dwar l-ideoloġija ma' dawk ta' Foucault dwar il-poter, is-sorveljanza u d-dixxiplina.

*'Each incursion of mass struggle, like a flare fired above the battlefield, revealed the obstacles, traps, and emplacements that blocked the way forward'* (p.170).

Montag jikkwota lil Althusser fl-aħħar kitbiet tiegħu, fejn, fost oħrajn jiddeskrivi l-filosofu bħala xi ħadd jmur fuq ferrovija mingħajr ma jaf min fejn ġie u fejn sejjer. Bl-istess mod, il-futur m'huwiex miktub minn qabel. Jista' jkun hemm bidliet soċjali kbar, iżda jista' jkun ukoll li dawn ma jseħħux. Fi kliem Montag,

*'from the perspective of a genuine materialism of the encounter, just as nothing guarantees the arrival of the best, so nothing absolutely prohibits the endurance of the worst'* (p.189).

---

# Poter Ikbar lill-Unjins

Ix-xogħol prekarju irid jingħeleb b'liġijiet li jiffavorixxu s-sħubija fil-unjins. Din li ħafna ħaddiema jibżgħu jidħlu f'unjin trid tispiċċa darba għal dejjem. Biex isir hekk trid tgħaddi liġi li ħadd ma jista' jħaddem miegħu ħaddiema li ma jkunux imsieħba f'unjin. Kunċett ta' *closed shop.*

Biex liġi bħal din ma jkolliex riperkussjonijiet koroh fuq il-pajjiż li jdaħħalha hemm bżonn li l-għaqdiet internazzjonali tal-unjins jagħmlu ħilithom biex idaħħluha f'ħafna pajjiżi, inkluż l-Unjoni Ewropeja, f'daqqa.

L-Unjoni Ewropea li ħaddan politika neoliberali riċentament għamlet il-kunċett xellugi ta' *close shop* illegali, l-istess bħal meta f'Malta u f'ħafna pajjiżi oħra Ewropej għamlu llegali strajk ta' simpatija.

Dan ifisser li min iħaddem ikun obbligat li jħaddem nies biss li jkunu f'unjin. Insibu kemm unjins kbar b'ħafna membri magħrufin bħala Trejdjunjins Ġenerali, u oħrajn żgħar indipendenti (eż MUBE). Imbagħad jeżistu wkoll *House Unions*. Il-problema ta' *house unions* hi li jista' jkun li min imexxi jaħdem fl-interess tal-maniġment, aktar milli fl-interess tal-ħaddiema.

Importanti li l-ħaddiem ma jkunx ippenalizzat jekk ma jkunx f'unjin imma huma s-sidien li jkunu ppenalizzati jekk iħaddmu ħaddiema li ma jkunux f'unjin.

Ħaġa oħra u mportanti li tidħol fis-seħħ hi, li filwaqt li l-awtortitajiet jagħtu ħatra għall-ħaddiem tas-sena, minn banda l-oħra ma jagħtux ħatra għall-prinċipal tas-sena.

Il-prinċipal li jintgħażel mil-ħaddiema għandu jingħata kumpens mill-gvern, bħal ngħidu aħna, benefiċċju fiskali biex hekk il-prinċipali ikollhom inizzjattiva biex jikkompetu għal dan it-titlu fl-interess kemm tal-ħaddiema u l-kumpanija.

Nisperaw li naraw dawn il-bidliet ma ndumux!!

**Josephine Gatt Ciancio Kalkara**

# GWU Youths f'kampanja nazzjonali edukattiva kontra x-xogħol prekarju

B'xogħol prekarju wieħed ifisser tip ta' xogħol li jkollu ħafna minn dawn il-kwalitajiet li ġejjin: jesponi lill-ħaddiem għar-riskju kontinwu, ikollu nuqqas ta' ċertezza, kontinwitá u stabbilitá, mingħajr opportunitá ta' karriera, mingħajr aċċess għal taħriġ vokazzjonali, b'paga baxxa u mhux sikura, b'nuqqas ta' għarfien dwar is-saħħa u s-sigurtá fuq il-lant tax-xogħol u mingħajr rappreżentazzjoni ġewwa trejdunjin. Ix-xogħol prekarju normalment nabbinawh ma' xogħol part-time, xogħol temporanju, xogħol staġjonali, xogħol ibbażat fuq proġett, bogus self-employment u kuntratti zero-hour. Kuntratti zero-hour huma meta l-persuna jiġi mħaddem *on-call,* iżda jitħallas biss tal-ħin li jkun mgħajjat fuq il-post tax-xogħol.

Bogus self-employment huwa meta persuna flok tiġi ngaġġata b'mod tipiku ma' kumpanija, il-kumpanija titlob lil dik il-persuna biex toffri s-servizzi tagħha bħala self-employed, iżda fil-veritá dik il-persuna tkun qiegħda taħdem ma' dik il-kumpanija biss. Allura dik il-persuna partikolari tkun qiegħda titlef ħafna mid-drittijiet tagħha bħal leave, sick leave, bonuses u tkun tista' tiġi mwaqqfa mingħajr avviż peress li għal-liġi tkun qiegħda taħdem self-employed. Ħafna huma dawk li jaħdmu xogħol prekarju, li jispiċċaw ikollhom jaħdmu sigħat żejda kuljum jew jagħmlu xogħolijiet oħra, sabiex ikunu jistgħu jlaħħqu mal-ispejjeż tagħhom.

Sfortunatament il-kundizzjonijiet prekarji fuq il-post tax-xogħol qegħdin jiżdiedu anke fost il-ħaddiema studenti u żgħażagħ. Għalhekk, bl-għajnuna u l-appoġġ ta' Aġenzija Żgħażagħ, il-GWU Youths ħasset il-ħtieġa li teduka iżjed dwar dawn it-tipi ta' kundizzjonijiet prekarji, bil-kampanja tagħha *'Together we can Stop Precarious Work'* (Flimkien nistgħu nwaqqfu x-Xogħol Prekarju).

Fil-miri tagħha, din l-inizjattiva tinvolvi liż-żgħażagħ, kemm dawk studenti u kif ukoll ħaddiema. Messaġġ ċentrali huwa l-impatt negattiv tax-xogħol prekarju, fosthom problemi li ż-żgħażagħ jiltaqgħu magħhom meta jiġu sabiex jissellfu mill-banek, nuqqas ta' żvilupp u taħriġ, u l-impatt fuq relazzjonijiet inter-personali. Permezz tal-kampanja, ħafna żgħażagħ ser ikunu aktar konxji rigward il-fatturi tax-xogħol prekarju, jitgħallmu kif jagħrfu xogħol prekarju, id-drittijiet tagħhom u sistemi edukattivi biex isaħħu l-ħiliet tagħhom.

Ukoll, permezz tal-kampanja, il-GWU Youths trid tolqot lill-ġenituri, għaliex qiegħda tgħid liż-żgħażagħ sabiex ikomplu jiddiskutu l-informazzjoni fuq il-prekarjat u jwassluh lill-kumplament tal-familja tagħhom. Billi l-impjiegi prekarji m'humiex fenomeni f'Malta biss, iżda komuni fil-pajjiżi tal-Ewropa u madwar il-globu, il-GWU Youths tħoss li b'din il-kampanja lokali tiġbed l-istess ħabel tas-sezzjonijiet taż-żgħażagħ tal-unjins barranin, biex flimkien jiġi miġġieled dan it-tip ta' xogħol atipiku. Iktar minn hekk, kampanji b'mod parallel isaħħu s-solidarjetà tal-ħaddiema b'mod internazzjonali u jwasslu biex jiżdied l-effett tal-azzjonijiet tal-unjins.

Il-GWU Youths bdiet il-kampanja waqt il-KSU Freshers' Week ġewwa l-Universita' ta' Malta fit-30 ta' Settembru 2013, fejn l-istudenti kellhom l-opportunità jsiru jafu dwar dawn it-tipi ta' kundizzjonijiet prekarji. Fil-ħamest ijiem tal-Freshers' Week, membri u rappreżentanti tal-GWU Youths waqqfu żewġ stands fil-kampus tal-Universitá u minnhom spjegaw lill-istudenti dwar il-prekarjat u l-ħidma tal-GWU Youths.

175 student mill-Universitá ta' Malta issieħbu membri fl-akbar unjin f'pajjiżna. Dawn ingħataw spjegazzjoni tas-servizzi offruti mill-GWU u l-importanza li wieħed jissieħeb f'unjin, dik illi impjegat f'unjin aktar għandu potenzjal li jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu. Tqassmet ukoll informazzjoni dwar x'tgħid il-liġi tax-xogħol fir-rigward ta' impjiegi part-time, li ħafna drabi l-istudent jagħmel biex ikun jista' jkampa.

Tqajmet kuxjenza dwar is-saħħa u s-sigurtá fuq il-postijiet tax-xogħol, għaliex kull post tax-xogħol għandu l-ħtiġijiet tiegħu f'dan ir-rigward u ż-żgħażagħ huma esposti aktar li jisfaw vittma ta' inċidenti fuq il-lant tax-xogħol.

Il-GWU Youths ser tkompli għaddejja bil-kampanja edukattiva favur xogħol dinjituż u diċenti. Bħal pajjiżi oħra ser tagħmel enfasi partikolari fuq l-promozzjoni tal-ftehimiet kollettivi u n-negozjar kollettiv biex ikun limitat xogħol prekarju, kampanji kontra r-riformi leġiżlattivi li jespandu x-xogħol prekarju, u l-promozzjoni ta' leġiżlazzjoni li tirrestrinġi x-xogħol prekarju.

Biex tilħaq aktar żgħażagħ, il-kampanja qiegħda tuża siti soċjali bħal facebook u twitter u l-website – *www.stopprecariouswork.com.* Iżda apparti minn hekk, il-kampanja sejra tkompli tkun qrib l-istudenti u ż-żgħażagħ, billi membri u rappreżentanti tal-GWU YOUTHS ikomplu jżuru postijiet frekwentati miż-żgħażagħ bħalma huma istituzzjonijiet edukattivi bħal l-MCAST u l-ITS.

***Andre' Damato –***
***Uffiċċjal Nazzjonali – GWU Youths***
***Chris Cutajar –***
***Segretarju – GWU Youths***

# Il-Proposta Politika ta' Ġesù

**Mark Montebello**

Ma jien ngħid xejn ġdid meta nsostni li Ġesù kellu fehma politika u li kien jesprimiha apertament kemm bil-kliem, kemm b'deċiżjonijiet fattwali u kemm bil-komportament tiegħu. Jidher ukoll li din il-fehma kienet informata u konsistenti.

Ta' liema xejra politika naħseb li kienet din il-fehma ngħid dalwaqt.

Għalissa rrid nagħmel żewġ premissi kritiċi. Waħda, li għalik (bħall-bqija tal-biċċa l-kbira tal-Maltin u l-Għawdxin) huwa importanti l-mod kif tqis lil Ġesù, anki jekk tiġi taqa' u tqum minnu. Għala? Għax, trid jew ma tridx, int ukoll ġejt xi ftit jew wisq imrobbi/ja f'ambjent predominantement reliġjuż Kattoliku u l-ħin kollu qed ikollok x'taqsam ma' fasliet soċjali u istituzzjonijiet (kemm reliġjużi kif ukoll ċivili) li huma sinifikattivament immarkati mir-reliġjon nisranija Kattolika.

Trid jew ma tridx, kull azzjoni soċjali jew politika tiegħek (bħalma ta' ħaddieħor f'Malta u Għawdex), kif ukoll kull proposta ideoloġika li titħajjar li tagħmel, trid għall-anqas tieħu kunsiderazzjoni tal-aspett reliġjuż Kattoliku. Nerġa' ngħidlek, għalhekk, li hu importanti għalik il-mod kif tqis lil Ġesù u l-messaġġ tiegħu.

It-tieni premissa hi din: li int (bħall-bqija tal-maġġoranza tal-Maltin u l-Għawdxin, biex ma ngħidx kollha) tinsab ivvelenat/a mill-interpretazzjoni legalista u pro-setgħa li dejjem ħaddnet u ppromovat l-biċċa l-kbira tal-kleru Malti u Għawdxi. Għal sekli sħaħ sal-lum, il-kleru konservattiv u pprivileġġjat (flimkien mal-alleati tiegħu) ikkapparra u mmanipula l-messaġġ ta' Ġesù biex jiżfen għaż-żifna tiegħu.

Mhux biss sparixxa l-fehma u l-qawwa politika ta' Ġesù (għax kienet skomda għall-interessi istituzzjonali u pro-setgħa tiegħu), iżda saħansitra biddel u dawwar il-messaġġ ta' Ġesù f'wieħed innokwu, spiritwalistiku, moralista u effeminat. Għalhekk ngħidlek li int ivvelenat/a minn din l-interpretazzjoni u, għaldaqstant, tlift (għax tneħħietlek sistematikament) il-kapaċità li tqis lil Ġesù b'mod ieħor jew tagħraf ir-radikalità, l-isplussività u l-perikolożità tal-messaġġ tiegħu.

Jekk int trid teħles u tinħeles minn din l-interpretazzjoni qarrieqa u korruttiva, u tiddetossifa lilek innifsek mill-avvelinazzjoni tagħha, huwa meħtieġ li tokkupa mill-ġdid l-Evanġelji (biex ma ngħidx il-Bibbja kollha).

Dan ifisser li terġa' taqra mill-ġdid l-Evanġelji b'attitudni mentali u affettiva inkontaminata mill-kapparra u l-manipulazzjoni interpretattiva ta' min seraqhomlok għalih innifsu u għall-interessi espansivi u esplojtattivi tiegħu mingħajr jedd. Ifisser li terġa' tikseb għalik innifsek (u forsi wkoll għal ħaddieħor) dak li ngħatalek u li minn dejjem kien tiegħek b'jedd: il-messaġġ politiku radikali, splussiv u perikoluż ta' Ġesù.

X'messaġġ hu dan? Il-messaġġ ta' liberazzjoni u ħelsien politiku daqskemm spiritwali; il-messaġġ li 'jniżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom u jgħolli ċ-ċkejknin' (Lq 1:53); il-messaġġ li 'jimla' b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ u l-għonja jibgħathom 'il barra b'xejn' (Lq 1:54); il-messaġġ li 'jħabbar il-ħelsien lill-imjassrin [...] u jrodd il-ħelsien lill-maħqurin' (Lq 4:18). Dan kien messaġġ li kkorrisponda perfettament mal-fehma politika ta' Ġesù u nebbaħ minnu l-kliem, id-deċiżjonijiet u l-komportament kollu tiegħu; fehma li llum (b'mod wiesgħa) nsejħulha 'xellugija'.

U biex ma nibqax daqshekk 'wiesgħa' fl-identifikazzjoni tagħha, inżid li din il-fehma ta' Ġesù jiena nsejħilha 'anarkista'. Anarkista mhux fis-sens banali li ħafna jifhmu b'din il-kelma u li bih jagħmlu parodija minn tali viżjoni (u li, għaldaqstant, magħha jorbtu l-vjolenza, it-terroriżmu u l-kaos li f'xi żmien xi Anarkisti wżaw bħala mezz għall-finijiet tagħhom); iżda anarkiżmu f'sens aktar fundamentali tal-kelma, jiġifieri bħala sistema politika ta' fraternità, ugwaljanza u libertà (biex nuża' tliet termini magħrufin mir-repertorju Illuminista). "Fost il-pagani," kien qal Ġesù, "il-kapijiet qegħdin biex jikkmandawhom u l-kbarat biex iħaddmu fuqhom is-setgħa. Fostkom m'għandux ikun hekk; imma min irid ikun kbir fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom, u min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu jkun l-ilsir tagħkom" (Mt:20:26–8).

Is-sistema politika li ħaddan u ppropaga Ġesù ma kienet tħaddan ebda ħjiel ta' vjolenza (individwali, inter-personali, istituzzjonali, governattiva) u, għaldaqstant, lanqas ma kienet pro-setgħa (istituzzjonali). Il-viżjoni tiegħu la kienet legalista (li tqiegħed il-liġi jew l-ordinament formali qabel in-nies) u wisq anqas klerikali.

B'għażla tas-sistema politika Ebrajka pre-monarkika, Ġesù ppropona ordinazzjoni soċjali u politika li kienet umanistika (li tirrispetta totalment lil kull individwu), liberali (li tirrispetta totalment il-libertajiet ta' kulħadd), ħolistika (li tirrispetta totalment il-ħlejjaq ħajjin kollha u l-ħolqien kollu) u anarkika (li ma taċċetta ebda awtorità assoluta jew totali għajr dik ta' Alla).

Huwa biss billi tokkupa mill-ġdid l-Evanġelji li tista' tiskopri, jekk trid, din il-proposta politika ta' Ġesù.

# L-Ambjentaliżmu – Lejn Alleanzi Wiesgħa?

**Michael Briguglio**

Id-demostrazzjoni fis-7 ta' Diċembru 2013, ta' għaqdiet ambjentali (ENGOs) kienet l-ewwel waħda ta' din ix-xorta għal dawn l-aħħar 5 snin. L-aħħar darba li numru kbir ta' ENGOs ingħaqdu f'demostrazzjoni ta'din ix-xorta kienet fil-protesti kontra l-hekk imsejħa 'razzjonalizazzjoni' ta' żoni ta' żżvilupp tal-Gvern Nazzjonalista qabel l-elezzjoni ġenerali tal-2008.

Dawn il-protesti eventwalment sfaw fix-xejn meta kien hemm frammentazzjoni settarja fi ħdan il-moviment ambjentalista Malti, speċjalment bejn il-frieghi moderati u dawk radikali. Għalhekk, wieħed jittama li d-demostrazzjoni tas-7 ta' Diċembru 2013 twassal għal alleanzi iktar organiċi u fit-tul, li possibilment jistgħu jwasslu għal suċċessi sostantivi bħal dak tal-Front Kontra l-Golf Kors (tal-Verdala, Rabat) fl-2004, li kien magħmul minn elementi radikali, moderati u oħrajn.

Din l-alleanza ma ddependitx minn istituzzjonijiet ta' l-UE biex tirbaħ. Filfatt ħafna mill-attiviżmu tal-Front kien sar qabel ma' Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-kwistjoni ta' żvilupp hi waħda fejn il-politika ta' l-UE hi relattivament nieqsa minn leġislazzjoni komprensiva.

F'din kampanja, il-Front kien reżiljenti fil-mod kif irnexxielu jibni alleanza wiesgħa u f'diskors ta' sostenibilitá li kien jinkorpora kunċetti bħal ġustizzja soċjali, protezzjoni ambjentali, u sostenibilitá ekonomika.

Illum wieħed m'għandux ikun sorpriż li l-moviment ambjentalista qed jerga' jorganizza ruħu. Il-Gvern Laburista ġdid jidher li qed jiddependi minn mega-proġetti




bħala parti mill-politika ekonomika tiegħu. Tant hu hekk li dan l-aħħar qrajna dwar possibiltá ta' pont bejn Malta u Għawdex, reklamazzjoni ta' l-art, u regoli ambjentali li jagħtu lok għal iktar żvilupp. Rajna wkoll l-approvazzjoni ta' żvilupp kontroversjali fil-Portomaso u l-Mistra fost oħrajn.

L-ideoloġija ta' żvilupp bla rażan u l-influenza politika ta' żviluppaturi kbar juru biċ-ċar li l-ambjent huwa kwistjoni politika. Id-deċiżjonijiet tat-teknokratiċi huma dejjem suġġetti għall-antagoniżmi ta' nteressi, opinjonijiet, pressjonijiet u viżjonijiet differenti, li fil-kuntest preżenti huma strutturati lejn żvilupp bla rażan. In-naħa l-oħra tal-munita hija magħmula minn attiviżmu li tartikola diskors kontra din is-sitwazzjoni, per eżempju permezz ta' ambjentaliżmu moderat jew radikali.

Kisba mportanti tal-moviment ambjentalista hi li jqajjem kuxjenza pubblika, eżempju tajjeb ta' dan huwa r-referendum kontra l-kaċċa fir-rebbiegħa.

F'dan il-każ, ir-referendum jista' jikkonċidi ma' l-elezzjonijiet Ewropej, iżda dan jiddependi minn numru ta' fatturi.

L-UE għandha direttivi ċari dwar il-kaċċa, iżda d-deċiżjoni tal-Qrati Ewropej dwar il-każ Malti waslet għal interpretazzjonijiet differenti, u b'hekk il-kwistjoni irritornat lura għall-kuntest politiku Malti.

Fil-kuntest preżenti ta' Gvern Laburista, it-tmiem tal-kaċċa fir-rebbiegħa qed tiġi meqjusa bħala prioritá kbira ta' bosta ambjentalisti.

Iżda l-iktar messaġġ importanti tar-referendum hu li l-istorja tista' tinkiteb permezz ta' reżiljenza u alleanzi. Insellem lill-ENGOs u vuċijiet fil-midja – bħall-Malta Today – li huma attivi f'dan ir-rigward, u għandu jiġi rikonuxxut ukoll li l-Alternattiva Demokratika kellha u għandha rwol important fl-imbottatura għal dan ir-referendum. Il-pożizzjoni ambivalenti tal-Partit Nazzjonalista, li fuq naħa irid jiddefendi dik li huwa sejjaħ bħala l-kisba tal-kaċċa fir-rebbiegħa fin-negozjati ta' sħubija ma' l-UE, u li fuq naħa l-oħra irid jirbaħ votanti 'liberali' li resqu lejn il-Partit Laburista, ser tiġi iċċarata fix-xhur li ġejjin?

Ma nkunx sorpriż jekk eventwalment xi vuċijiet fil-partiti l-kbar jappoġġjaw ir-referendum biex tingħata mpressjoni li l-partiti huma viċin kemm il-kaċċaturi kif ukoll l-ambjentalisti f'eżempju ta' partitokrazija tal-massa.

Il-kwistjonijiet ta' żvilupp bla rażan u l-kaċċa juru li politika popolista u 'mingħajr avversarji', kif kienet artikolata mill-Partit Laburista fil-kampanja elettorali tal-2013, ma tistax taħbi antagoniżmi politiċi u soċjali.

Bl-istess mod, il-moviment ambjentalista ghandu x'jirbah permezz ta' alleanzi wiesgha u jekk ma jaqax fin-nassa li tipprova tifred l-ambjent mill-politika.

# Richer but Sadder

**Sammy Camilleri**
**Ontario, Canada**

We have never had it so sad. Today's people are more miserable than their counterparts about 40 years ago, despite being more prosperous, a study has revealed. Experts blame the constant striving for material, career, and personal success – backing up the old adage that money cannot buy happiness.

The 1950's are traditionally remembered as austere years of economic depression beset by the cold war. Yet, according to evidence presented recently to the international congress of humour, the average man laughed 18 minutes a day during that decade, but in more recent years despite huge rises in the standard of living , now we chuckle for only about six minutes.

We seem to have created today a society which puts such a high premium on performance and success that when people fail to reach these levels they are possessed with a sense of shame and depression. "People think they have no reason to laugh, even at themselves in adversity". It is a phenomenon reflected in surveys that show comedy programs from decades ago produced more laughs




and are remembered more fondly then today's fare.

A psychologist who recently published a book, support the view that modern life makes us feel like losers even if we are winners. The consensus among psychiatrists is that we are anything up to ten times more likely to be depressed than we were in the 1950's.

"Advanced consumer capitalism exploits our instincts to compare ourselves with each other vastly more than we used to. We become deeply dissatisfied, relative to others, despite being somewhat richer".

"The violence rate have hugely increased, which is a sign of depression". Three-quarters of violent man are depressed. Rates of compulsion, alcohol misuse, drugs misuse, eating disorders and gambling problems have also increased".

In the early 1960's, an opinion poll for a university in the U.S.A reported that 35% of people said they were "very happy" with life, whereas a recent poll for the same body showed only 27% were "very happy". Yet, over the same period, U.S salaries increased fourfold, even after taking inflation into account.

What is the answer?

"Those who value money most are less satisfied and in poor mental health. This may be because money provides only superficial kind of satisfaction".

ET, Call Rome!

Questions about extraterrestrial life are "very interesting and deserve serious consideration", the Vatican declared before Christmas 2009. Speaking at a conference organised by the pontifical academy of sciences and the Vatican observer, father Jose Funes explained why the Vatican has turned its attention to the possibility of intelligent life on other planets.

Although astrobiology is an emerging field and still a development subject, he told reporters, "the question of life's origins and of whether life exists elsewhere in the universe are very interesting".

They deserve serious consideration because they offer many philosophical and theological implications.

Father Funes said that there is no clash between believing in catholic doctrine and believing in the possibility of alien life.

"This is not in contradiction with

# IT-TRIQ TAN-NOFS U D-DIVERSITÁ

## *Elezzjoni Parlament Ewropew 2014 - Alleanza Liberali Demokratika Malta*




**John Zammit**

Minn meta ktibt l-aħħar artiklu tiegħi fi "Żminijietna", hawn Malta nqaleb kollox ta' taħt fuq għaliex wara li l-aħħar xhur tas-sena l-oħra 2012 fejn kien hemm ġlied kbir fil-Partit Nazzjonalista (bħal ma kien ġara wkoll fil-Partit Laburista u l-Gvern ta' Alfred Sant li kien waqa' wara kważi sentejn). Din id-darba kien imiss li l-PN li allura wara ġlied intern u ssejħet elezzjoni li saret fit-8 ta' Marzu ta' din is-sena 2013, ġie elett il-Partit Laburista b'maġġoranza kbira ta' voti.

Issa li għaddew aktar minn tmien xhur u l-Partit Laburista qed jipprova jsib saqajh biex ikun jista' jsib irkaptu tal-konfużjoni li ħallew warajhom in-Nazzjonalisti (għalkemm jien nara ħafna affarijiet tajbin li għamlu tal-PN), jidher li l-Partit Laburista s'issa għadu ma ngranax u anzi qed isiru diversi żbalji li mhux qed jintogħoġbu saħansitra mill-partitarji Laburisti stess. Issa ammetta anke l-Prim Ministru Joseph Muscat rigward il-kwistjoni tal-bejgħ taċ-ċittadinanza.

Huwa veru li għadu daqsxejn kmieni u rridu nagħtu ċans il-gvern ġdid biex jara l-affarijiet sewwa, għalkemm ħafna mill-Kabinett kbir tal-Labour s'issa ma tantx impressjonaw. Li huwa tajjeb, li issa li sa' l-elezzjoni tal-Parlament Ewropew li se ssir fl-24 ta' Mejju tas-sena d-dieħla 2014 inkunu nistgħu naraw aktar x'kapaċi jagħmlu (jew ma jagħmlux) tal-Partit Laburista u għalhekk, dak li jkun ma jridx jivvota għan-Nazzjonalisti u jara wkoll li l-Laburisti ma tantx taw riżultati, waħdu jmur għal partiti oħra bħalna ta' l-Alleanza Liberali li se nieħdu sehem ukoll bħalma se jieħdu sehem l-Alternattiva Demokratika għall-Elezzjoni tal-Parlament Ewropew.

Issa minn hawn joħroġ it-titlu ta' dan l-artiklu li jien ilhi nisħaq minn meta Malta daħlet membru fl-Unjoni Ewropeja, u għalhekk ħriġna bħala Liberali fl-ewwel elezzjoni tal-2004, l-2009 u issa tas-sena d-dieħla 2014 li fiha qed nisġqu li għandu jkun hemm membri Parlamentari Ewropew Maltin eletti mill-erba' partiti: Partit Laburista, Partit Nazzjonalista, Alleanza Liberali u Alternattiva Demokratika li huma l-akbar erba' blokki politiċi fil-Parlament Ewropew u b'hekk Malta u Għawdex ikunu rappreżentati fl-aqwa gruppi politiċi minn fost is-seba' li nsibu fl-istess Parlament. Il-Partit Komunista wkoll jekk irid għandu l-grupp tiegħu tax-Xellugin Magħquda u anke s-CNI jekk iridu jidħlu ma' l-Ewroxettiċi.

Jiena kulħadd jaf minn fejn ġejt, mill-Partit Laburista u qatt ma kont fil-Partit Nazzjonalista (għalkemm dawn resqu wkoll lejn iċ-ċentru xi ftit bħalma għamlu l-Partit Laburista). Iżda jien wara esperjenzi li kelli li ma tantx kienu sbieħ fil-Partit Laburista, kelli nitlaq u noħloq partit taċ-ċentru biex b'hekk nieħu t-tajjeb tat-tnejn u n-neħħi l-ħazin tat-tnejn. Peress li jien qatt ma bżajt ngħid ċar u tond dak li jkolli ngħid bdejt immur il-Parlament Ewropew fis-sena 2000 u kien hemm li skoprejt li hemm il-Partit Liberali u meta ltqajt magħhom sibt li naqbel ħafna magħhom u anke huma laqgħuni tant li ġie l-mexxej tagħhom – Sir Graham Watson - hawn Malta jiltaqa' mal-kumitat tagħna u huma wkoll jistiednuna fil-kwartieri u l-konferenzi tagħhom ġewwa Brussel. Meta mbagħad dħalt fis-sala tal-Parlament esperjenzajt dak li sibt: id-diversitá u għalhekk fit-titlu ta' dan l-artiklu nsemmi *IT-TRIQ TAN-NOFS U D-DIVERSITÁ* – għax jien għażilt it-triq tan-nofs fid-diversitá politika li tinsab f'din is-sala.

Issa li jrid isir u dan se nerġa' nirrepeti u bis-serjetá kollha: li Malta u Għawdex għandna sitt siġġijiet u meta mmorru nivvotaw nibbilanċjawhom għall-inqas f'erba' gruppi politiċi. Diġa' żbaljajna darbtejn u wara l-każ tal-Kummissarju John Dalli li kellu jirreżenja u minfloku laħaq Tonio Borg, iktar ħareġ il-bżonn li Malta u Għawdex ikollna rappreżentanza fl-erba' gruppi li semmejt u l-istess dwar l-immigrazzjoni irregolari li jeħtieġ li tiġi ndirizzata.

Tajjeb għalhekk li l-Maltin u l-Għawdxin jagħtu każ aktar ta' li għedt u jkunu aġġornati x'qed jiġri fl-Ewropa u fid-dinja biex b'hekk meta tasal l-elezzjoni (kemm jekk Nazzjonali u anke Ewropeja) nagħmlu għażliet oħra u mhux għax Laburisti jibqgħu jivvotaw għal għomorhom hekk u l-istess jekk huma Nazzjonalisti. Ara jiena kont laburist iffissat u militanti u kont nara kollox ħażin li kienu jagħmlu n-Nazzjonalisti, l-istess in-Nazzjonalisti jaraw kollox ħażin li jagħmlu tal-Labour. Bħala eżempju nsemmi meta Gvern Laburista waqqaf l-Airmalta, in-Nazzjonalisti qalu li għandna ajruplani taċ-ċomb.

Mill-banda l-oħra l-Laburisti kienu kontra li nidħlu fl-Unjoni Ewropeja u għadhom imaqdruha sa llum.

Nagħlaq għalhekk billi ngħid li għalhekk jien nagħżel it-triq tan-nofs u d-diversitá li biha nagħżel it-tajjeb tat-tnejn u nittollera lil kullħadd u allura x'hemm aħjar li tkun Liberali f'dan iż-żmien li d-dinja għaddejja minn kriżi ekonomika kbira! Nappella biex din id-darba neleġġu membru Parlamentari Ewropew Liberali li din id-darba se jkun Jean-Pierre Sammut il-kandidat ewlieni ta' l-Alleanza Liberali (ritratt it-tieni mix-xellug).

L-istedina tmur ukoll għall-kandidati nisa li nemmen li għandhom japplikaw magħna mill-aktar fis. Ngħidilhom biex jagħmlu kuraġġ, mhux imbagħad jgħidu li hemm ftit nisa fil-Parlament u jgħidu li f'Malta m'għandniex ugwaljanza!

Kull min irid jara l-Manifest Elettorali ta' l-Alleanza Liberali dan se jkun ippubblikat fix-xhur li ġejjin qabel l-elezzjoni f'Mejju u dan se jinkludi wkoll partijiet sew mill-Manifest ta' l-ALDE – il-Liberali ta' l-Ewropa li jien aħna membru assoċjat magħhom.

*Ritratt juri: Il-Leader tal-Liberali (ALDE) Sir Graham Watson li ġie Malta jiltaqa' miegħi u l-kumitat ta' Alleanza Liberali f'Ottubru 2007, inqas minn sena wara li jien waqqaft il-partit.*

# Żminijietna twissi dwar il-politika tal-ODZ

*Żminijietna - Leħen ix-Xellug* tenniet li l-politika dwar l-Agro Turiżmu se twassal għal aktar żvilupp fl-ODZ.

Nisħqu sabiex il-MEPA tara li l-kunċett ta' agro-turiżmu ma jissarrafx f'teħid ta' aktar art agrikola jew xagħri. Il-MEPA għandha tiżgura li l-politika dwar l-agro-turiżmu tkun ibbażatha fuq l-istess ħsieb ta' l-eko-turiżmu.

Il-MEPA għandha tieħu nkonsiderazzjoni l-fatt li l-ammont ta' art meħuda għall-bini llum tlaħħaq 33% ta' l-art kollha f'Malta. Dana jfisser li terz ta' l-art kollha f'Malta diġá ttieħdet għall-iżvilupp. Il-politika tal-ODZ għandha tiżgura li jkun mħares l-ambjent naturali, u spazji miftuħa.

Il-MEPA għandha tara li jintuża biss bini eżistendi u mhux jinħarġu permessi għal żviluppi godda. Fil-kampanja diġá jeżistu diversi binjiet u rziezet antiki li jistgħu jiġu kkonvertiti fi proġetti żgħar ta' agro-turiżmu, anke barrieri mhux użati. Importanti li l-proċess jkun jikkonsisti fi proġetti pilota. Illum diġá għandna sistema, li qed taħdem, ta' proġetti ta' agro turiżmu sostenibbli.

Il-MEPA għandha tapplika l-istess kriterji wżati fir-riġenerazzjoni tal-Belt Valletta fejn bini antik qed jiġi rrestawrat u kkonvertit f'użu utli, u mhux jinħarġu permessi ġodda għal aktar żvilupp. Dan il-mudell għandu japplika wkoll fl-agro turiżmu. Sostenibilitá u Innovazzjoni għandu jkun il-kunċett applikat.

Fir-rigward ta' 'swimming pools' f'ODZ, Żminijietna hi kontra li l-MEPA tagħti aktar permessi. Proposti bħal dawn m'għandhomx jiġu kkunsidrati. Fir-rigward ta' sostenibilitá, Żminijietna tisħaq favur metodi aktar sostenibbli għal żvilupp ta' ġibjuni miftuħa, enerġija rinnovabbli u statel għal żwiemel.



## Abbonament Gazzetta Żminijietna

Isem: Kunjom:

--------------------------------------------------------------------------------

Indirizz:

--------------------------------------------------------------------------------

Emejl:

--------------------------------------------------------------------------------

Sena: (€5) Sentejn: (€10)

**Ibgħat din il-formola lil Żminijietna P.O Box 35 Sliema. SLM1000**